Il-Kriżi tal-Ġustizzja u t-Tiftix għall-Paċi



AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

Il-Kriżi tal-Ġustizzja u t-Tiftix għall-Paċi

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

Ħażrat Mirza Masroor Ahmad[aba]

Il-Ħames Suċċessur tal-Messija Mwiegħed[as],

Il-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana

THE COLLAPSE OF JUSTICE AND THE SEARCH FOR PEACE

In Maltese Language

© Islam International Publications Ltd.

Trodott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2026)

Pubblikazzjoni ta'

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

M: +356 79 655 255 – T: +356 21 655 255

Email: amjmalta@gmail.com

www.ahmadiyyamalta.org

www.ahmadiyya.mt

ISBN: 978-99957-59-35-3

Il-Qoxra: Maylim | Shutterstock.com

INTRODUZZJONI

Il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirza Masroor Ahmad, Kalifatul-Masih V[aba], huwa l-Mexxej Suprem tal-Komunità Dinjija Ahmadiyya Musulmana. Huwa l-Ħames suċċessur tal-Messija Mwiegħed u Riformatur, Ħażrat Mirza Ghulam Ahmad[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana. Wara li ġie elett għal ħajtu kollha fil-pożizzjoni ta' Kalif tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana fit-22 t'April 2003, huwa jservi bħala l-kap dinji spiritwali u amministrattiv ta' organizzazzjoni internazzjonali reliġjuża li tħaddan fiha għexieren ta' miljuni ta' membri mxerrda f'213-il pajjiż.


Fi żminijietna, hekk kif id-dinja qed toqrob b'pass mgħaġġel lejn gwerra globali potenzjalment katastrofika, is-soluzzjonijiet attwali jidhru li qed iwasslu lejn imkien. Il-possibbiltà ta' gwerra nukleari devastanti qed tissemma dejjem aktar bħala theddida reali. Għalhekk, hija meħtieġa soluzzjoni differenti u kuraġġuża li tneħħi s-sħab ta' qerda li qed jinġemgħu b'rata allarmanti u u tiġi stabbilita l-paċi dejjiema.

Fis-16 ta' Mejju 2026, il-Kap Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, il-Ħames Kalif, il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirza Masroor Ahmad[aba], ippreżenta l-indirizz ewlieni fid-19-il Simpożju Nazzjonali għall-Paċi, organizzat mill-Komunità Ahmadiyya Musulmana tal-Gran Brittanja.

Għall-attività attendew dinjitarji minn madwar id-dinja, fosthom membri tal-parlament, politiċi, mexxejja reliġjużi, ambaxxaturi, akkademiċi, ġurnalisti, u mistednin distinti oħra.

Hawn taħt nippreżentaw it-traduzzjoni bil-Malti tal-indirizz prinċipali tal-Qdusija Tiegħu f'din l-okkażjoni importanti ħafna.

Imam Laiq Ahmed Atif
President Ahmadiyya Muslim
Jamaat Malta



Ħażrat Mirza Masroor Ahmad, Kalifatul-Masih V[aba]



F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Indirizz prinċipali minn Ħażrat Mirza Masroor Ahmad[aba], Mexxej Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, fid-19-il Simpożju Nazzjonali għall-Paċi organizzat mill-Komunità Ahmadiyya Musulmana UK fis-16 ta' Mejju 2026 minn Masroor Hall, fil-kumpless ta' Mubarak Mosque, Islamabad, Tilford, UK.

Il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirza Masroor Ahmad (aba), Mexxej Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana u l-Ħames Kalif (Suċċessur) għall-Messija Mwiegħed (as), qal:

Infittex il-protezzjoni (il-kenn) ta' Alla minn Satana, il-miskut

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

"Mistednin distinti kollha, *Assalamo Alaikum wa Rahmatullahe wa Barakatuhu* – il-paċi u l-barkiet ta' Alla ikunu fuqkom ilkoll.

L-ewwel nett, nixtieq nuri l-gratitudni sinċiera tiegħi mal-mistednin kollha li ngħaqdu magħna llejla.

Obbligu li nibqgħu nħabirku għall-paċi

Aktar kmieni din is-sena, meta l-organizzaturi pproponew li jittella' dan is-Simpożju għall-Paċi, l-ewwel reazzjoni tiegħi kienet li aħna ilna norganizzaw din l-attività għal aktar minn għoxrin sena, u xi wħud bir-raġun staqsew jekk kienx hemm benefiċċji għal dan kollu, u jekk wasalniex biex noħolqu xi tibdil sinifikanti fis-soċjetà.

Fl-aħħar snin, ħafna personaġġi influwenti, li jinkludu politikanti, akkademiċi, u mexxejja reliġjużi, ikkundannaw iż-żieda kostanti fl-armamenti globali u l-inġustizzja u ħeġġew kemm lill-gvernijiet kif ukoll liċ-ċittadini biex jagħtu prijorità lill-paċi u lis-sigurtà. Meta dawn in-nies, li quddiem id-dinja għandhom il-popolarità u l-influwenza, jaraw li t-twiddib tagħhom ma jingħatax widen, mela min se jagħti kas il-vuċi tiegħi jew il-vuċi tal-komunità tagħna? Għaldaqstant ikun ferm raġonevoli meta wieħed jistaqsi jekk din l-attività tagħmilx sens jew le.

Madanakollu, it-tweġiba tiegħi hija li l-Iżlam jgħallimna li għandna naħdmu għall-ġid komuni bla waqfien u m'għandna qatt naqtgħu qalbna. U x'hemm aktar ta' benefiċċju milli tħabrek biex issalva lill-umanità mill-qerda tagħha stess? Jekk ma nippruvawx inwaqqfu l-ġlied, il-vjolenza, il-mibegħda u l-inġustizzja li qegħdin jherru t-tessut tas-soċjetà moderna b'rata mgħaġġla, dan mhux biss se joħloq tħarbit totali fi żminijietna, imma se jitfa' dell twil fuq il-ħajjiet tal-ġenerazzjonijiet futuri.

Id-dell tal-armamenti moderni

Aktar minn 70 miljun ruħ għebu fit-Tieni Gwerra Dinjija. Il-maġġoranza assoluta kienu nies pajżana, irġiel, nisa u tfal komuni. Huwa biss b'koinċidenza żgħira li l-mewt u d-distruzzjoni baqgħu fil-biċċa l-kbira tagħhom marbuta ma' dak il-perjodu, ħlief għal eċċezzjoni waħda miskina – il-Ġappun, li fuqu ntefgħu żewġ bombi atomiċi fl-1945. Filwaqt li mijiet ta' eluf mietu dak il-ħin, il-legat radjuattiv baqa' jkidd lill-ġenerazzjonijiet suċċessivi għal ħafna snin. Għadd ta' studji wrew li t-tfal ta' dawk li baqgħu ħajjin affaċċjaw riskji kbar ta' diżabilitajiet nevroloġiċi u fiżiċi, filwaqt li r-rati ta' tfal imwielda mejta għolew fost nisa tqal li kienu esposti għar-radjazzjoni.

Fl-1945, l-Istati Uniti biss kellhom fil-pussess tagħhom il-bomba atomika, iżda llum għadd ta' pajjiżi għandhom l-armi nukleari, li l-qawwa u l-kapaċitajiet distruttivi tagħhom ma tistax tqabbilhom mal-bombi li ntefgħu fuq il-Ġappun. B'riżultat ta' dan, jekk, allaħares, saħansitra wieħed jew żewġ pajjiżi qatt jutilizzaw dawn l-armamenti, it-tbiċċir li jkun hawn u l-effetti katastrofiċi dejjiema żgur li jmorru lil hinn mill-immaġinazzjoni tagħna.

Għadd sostanzjali ta' personaġġi influwenti issa qegħdin jikkundannaw l-armamenti u l-inġustizzji, għax għarfu li jekk nibqgħu mexjin f'din it-triq ta' aggressjoni imprudenti se jkollna katastrofi li qatt ma kien hawn bħalha fid-dinja. Huma ġustament qegħdin iwiddbu lil xi

pajjiżi biex jersqu ’l bogħod mix-xifer qabel ma jkun tard wisq. Minflok ma qegħdin iħallu liċ-ċittadini komuni jibnu ħajjiet aħjar għall-familji tagħhom, għalfejn il-mexxejja tad-dinja qegħdin iressqu lill-umanità lejn il-preċipizju ta’ diżgrazzja inkonċepibbli?

Tassew, bħala bnedmin, irridu nistaqsu lilna nfusna għaliex qed niġġieldu mhux biss kontra xulxin, iżda wkoll kontra wliedna, kontra n-neputijiet tagħna u kontra l-ġenerazzjonijiet futuri.

Tassew, bħala bnedmin, irridu nistaqsu lilna nfusna għaliex qed niġġieldu mhux biss kontra xulxin, iżda wkoll kontra wliedna, kontra n-neputijiet tagħna u kontra l-ġenerazzjonijiet futuri. F’dan ir-rigward, issa se nippreżenta għadd ta’ dikjarazzjonijiet reċenti minn personaġġi magħrufa dwar l-armamenti moderni u l-falliment li jkun hawn ġustizzja f’din id-dinja.

Il-mexxejja globali jwiddbu dwar il-gwerer

Is-sena l-oħra, **il-President tal-Irlanda ta’ dak iż-żmien, Michael Higgins**, widdeb, “Dħalna f’epoka fejn ir-rettorika aggressiva tal-gwerra tiddomina d-diskors globali, filwaqt li d-diplomazija tradizzjonali

u t-tiftix għall-ġid komuni twarrbu fil-ġenb." Huwa osserva, "Minflok sforz magħmul f'daqqa biex tinbena mentalità ta' gwerra, dak li l-umanità teħtieġ huwa l-bini ta' mentalità ta' paċi."[1]

Bl-istess mod, **il-Prim Ministru tas-Slovakkja Robert Fico** tkellem ċar u tond is-sena l-oħra dwar kif id-daqq tat-tnabar tal-gwerra u t-theddid saru xi ħaġa normali. Huwa qal, "Kulħadd jitkellem dwar il-gwerra… Kullimkien, kulħadd juri l-armamenti tiegħu… Meta nsemmu 'l-Ukraina, kollox huwa ċar. Meta nsemmu 'l-Iran, meta nsemmu 'l Gaża, xejn mhu ċar." Huwa kompla, "Huwa assolutament ovvju li r-regoli ma japplikawx l-istess għal kulħadd… Skużawni talli qed inkun skjett, imma jiena ngħid li d-dinja ġġennet. Ma nistax nifhem kif kulħadd donnu togħġbu l-gwerra. Bħala Prim Ministru, jiena ma togħġobni xejn il-gwerra. Jiena nħobb il-paċi."[2]

Il-Konsegwenzi ta' meta ma nimxux l-istess ma' kulħadd

Id-double standards li jitħaddet dwarhom joħolqu l-frustrazzjoni u l-għadab.

Wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-Iżlam huwa li wieħed għandu jixtieq għall-oħrajn dak li jixtieq għalih innifsu. Jiena nemmen bis-sħiħ li kieku nagħtu kas ta' dan il-prinċipju tad-deheb, kieku d-dinja tinbidel f'ġenna ta' paċi u fehim.

Wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-Iżlam huwa li wieħed għandu jixtieq għall-oħrajn dak li jixtieq għalih innifsu.

Wara li faqqgħet il-gwerra tal-Iran, **il-Viċi Kanċillier tal-Ġermanja Lars Klingbeil** ukoll tkellem dwar din il-gwerra. "Filwaqt li nfaħħar lil dawk kollha li jeħduha kontra l-inġustizzja, dawk li għandhom l-awtorità u l-influwenza wkoll iridu juru x-xogħol prattiku li qed iwettqu għal dan il-għan. Sfortunatament, meta niġu għall-policies attwali jew biex nieħdu azzjonijiet deċiżivi, ħafna drabi ma jsir xejn. Aktar kliem, ikun kemm ikun impressjonanti jew għaqli, mhux se jwassal għall-paċi waħdu."

Matul żjara li għamel fit-Turkija, **il-Papa Ljun** iddikjara li t-Tielet Gwerra Dinjija qiegħda sseħħ diġà bil-biċċiet u li l-ġejjieni tal-umanità jinsab f'periklu kbir. Il-Papa u oħrajn issa qed jirrikonoxxu dak li jien ili nwissi dwaru għal ħafna żmien; li gwerra dinjija diġà bdiet u li, naqra naqra, id-dinja qed tinħakem mill-ħafna tagħha.

Dwar ir-riskji ta' eskalazzjoni, **il-Prim Ministru ta' Spanja Pedro Sánchez** ftit ilu stqarr, "Ma tistax twieġeb għal illegalità b'illegalità oħra l-għaliex hekk jibdew it-traġedji kbar tal-umanità. Ħafna drabi jfaqqgħu gwerer kbar minħabba katina ta' inċidenti li ma jkunx hemm

kontroll tagħhom minħabba kalkulazzjonijiet ħżiena, fallimenti tekniċi, u avvenimenti imprevedibbli."

Din hija osservazzjoni għaqlija u importanti, li l-inġustizzja minn naħa waħda ma tagħtix lok għal oħrajn li jagħmlu l-istess. Illum, xi whud mis-setgħat il-kbar jaġixxu b'impunità, sfaċċatament ma jagħtux kas in-normi internazzjonali u fuq kollox jaħdmu għall-interessi egoistiċi tagħhom.

Ma jistgħux jagħlqu għajnejhom għar-realtà li anki huma jsofru jekk id-dinja ssir kaotika u li jitfarrku l-pedamenti tal-paċi. Bla dubju ta' xejn, l-inġustizzja hija virus perikoluż li jixtered b'veloċità kbira.

Madanakollu, għandhom jiftakru li l-azzjonijiet inġusti jew illegali qatt ma jseħħu f'vakum. Ma jistgħux jagħlqu għajnejhom għar-realtà li anki huma jsofru jekk id-dinja ssir kaotika u li jitfarrku l-pedamenti tal-paċi.

Bla dubju ta' xejn, l-inġustizzja hija virus perikoluż li jixtered b'veloċità kbira. Għaldaqstant, jekk illum il-qawwiet maġġuri jiksru l-liġijiet internazzjonali mingħajr l-ebda konsegwenza, mela għada setgħat anqas b'saħħithom se jimtlew bid-determinazzjoni biex jaġixxu bi stmerrija ugwali lejn il-liġi u l-ħajja umana.

Meta l-poter u l-profitt joħonqu l-umanità

Il-Prim Ministru Spanjol osserva wkoll li l-gwerer ħafna drabi jintużaw bħala devjazzjoni biex jostru l-fallimenti tal-gvernijiet u l-mexxejja tagħhom. Huwa qal, "Il-gvernijiet qegħdin hemm biex itejbu l-ħajjiet tan-nies, jipprovdu soluzzjonijiet għall-problemi, u mhux biex jagħmlu l-għajxien tan-nies agħar. U huwa assolutament inaċċettabbli li dawk il-mexxejja li mhumiex kapaċi jwettqu dmirijiethom jużaw il-paraventu tal-gwerra biex jaħbu l-fallimenti tagħhom u fil-proċess jimlew il-bwiet tal-ftit magħżulin."[3]

Fi kliem ieħor, l-insegwiment tal-poter u l-gwadann materjali qed iġiegħel lin-nazzjonijiet u lill-mexxejja tagħhom biex jittradixxu lil dawk il-popli li għalihom intgħażlu biex iservu. Huwa lmenta li minflok qed insalvaw il-ħajjiet billi nibnu l-isptarijiet, qed jintefqu l-biljuni biex neqirdu l-ħajjiet billi nibnu armamenti ta' qerda massiva.

Il-falliment tas-sistemi globali

Il-Professur John Mearsheimer, xjentist politiku rinomat Amerikan, ftit ilu qal, "Jiena naħseb li fil-Punent, u dan japplika b'mod speċjali għall-Istati Uniti, aħna nħobbu nitkellmu dwar qawwa militari. Bla dubju, anki l-Iżraeliti jagħmlu hekk. U l-idea hija li kull problema politika li naffaċċjaw tista' tissolva b'mezzi

militari. Kemm noħorġu z-zokk il-kbir, nieħdu sehem f'diskussjonijiet biz-zokk il-kbir f'idejna u b'hekk insolvu l-problema."[4]

Huwa kompla jwiddeb li l-gwerra tal-Iran tirrappreżenta sitwazzjoni ferm differenti u wissa li falliment biex tiġi assigurata riżoluzzjoni immedjata jista' jwassal għal katastrofi ekonomika globali. U b'hekk, il-verità hija li l-ebda parti mid-dinja ma hi ħielsa mill-effetti tossiċi tal-gwerra u l-inġustizzja.

L-istorja turina li meta n-nazzjonijiet jibżgħu li s-setgħa tagħhom tista' tkun imminaċċjata, huma jinqdew bil-forza u l-inġustizzja biex jissalvagwardjaw is-supremazija tagħhom. U meta l-vittmi tagħhom eventwalment jiżdiedu, huma wkoll jinħakmu mix-xewqa furjuża tal-vendetta. B'dan il-mod, ċirku vizzjuż ta' gwerra, vjolenza u inġustizzja jdur bla waqfien hekk kif it-trasgressjonijiet tas-setgħana jħajru lill-vittmi biex jadottaw l-istess inġustizzji li darba huma stess sofrew minnhom.

Preċiżament għal din ir-raġuni li l-Iżlam jgħallem li għandna nrażżnu l-id tal-oppressur kif ukoll tal-vittma. Filwaqt li aħna obbligati li ngħinu lill-vittmi, fl-istess ħin irridu naraw li dawn ma jdurux għall-vendetta u jibqgħu strettament fil-limiti tal-proporzjonalità.

Għalfejn l-istituzzjonijiet internazzjonali qegħdin ifallu

L-ekonomista Amerikan Jeffrey Sachs reċentement ta spjegazzjoni ċara tal-falliment tad-dinja biex titgħallem mil-lezzjonijiet tal-istorja. Huwa argumenta li l-istituzzjonijiet u l-oqfsa tal-liġi internazzjonali mwaqqfa wara t-Tieni Gwerra Dinjija ġew żarmati kompletament, u ħallew lill-Ġnus Magħquda ineffettiva llum bħalma kienet il-Lega tan-Nazzjonijiet fl-aħħar tat-tletinijiet. Huwa qal,

"Qatt ma rajna din it-tip ta' illegalità fl-epoka nukleari… Il-Ġnus Magħquda… bħalissa essenzjalment ma tiswa għalxejn."[5]

Il-falliment tal-Ġnus Magħquda hija xi ħaġa li jien indirizzajt kemm-il darba. Hija tkompli topera b'sistema fejn il-ħames membri permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà għandhom id-dritt assolut tal-veto, privileġġ u setgħa ħafna akbar minn ta' pajjiżi oħra.

Din l-inugwaljanza fundamentali hija l-qofol tal-falliment tagħha. Kieku, madanakollu, jeżistu l-ġustizzja vera u l-onestà fir-relazzjonijiet internazzjonali, kieku la l-Istati Uniti u la l-Iżrael u la l-Iran u l-ebda nazzjon ieħor ma jkollu raġuni biex jirrikorri għall-gwerer.

Kieku, madanakollu, jeżistu l-ġustizzja vera u l-onestà fir-relazzjonijiet internazzjonali, kieku la l-Istati Uniti u la l-Iżrael u la l-Iran u l-ebda nazzjon ieħor ma jkollu raġuni biex jirrikorri għall-gwerer.

F'indirizz aktar kmieni din is-sena, li ġie mxandar bil-bosta, **il-Prim Ministru tal-Kanada Mark Carney** stqarr, "L-ordni msejjes fuq ir-regolamenti qed jgħib. Dan ifisser li dawk li huma b'saħħithom jagħmlu dak li jistgħu u dawk li huma dgħajfa jridu jbatu bilfors."[6] Hu wkoll jirrikonoxxi li regoli differenti jeżistu għal dawk li huma għonja u setgħana. Madanakollu, dawk in-nazzjonijiet potenti li japprofittaw ruħhom minn dan il-prinċipju għandhom jirrealizzaw li l-użu tal-forza u l-koerċizzjoni hija strateġija li ma ttulx u hija wkoll kontroproduttiva. Bla dubju ta' xejn, hija tnissel il-frustrazzjoni, id-diżordni u l-instabbiltà.

Bl-istess mod, **il-Kanċillier Ġermaniż Friedrich Merz** ftit ilu wissa li, "Il-libertà tagħna m'għadhiex kompletament garantita. Bħalissa hija mhedda. L-ordni internazzjonali bbażat fuq id-drittijiet u r-regoli… m'għadux jeżisti bl-istess mod bħalma kien qabel."[7]

Minkejja dan il-kliem, il-Ġermanja, bħal ħafna nazzjonijiet oħra żviluppati, tkompli teżerċita s-setgħa tagħha biex iżżomm id-dominanza fuq pajjiżi aktar dgħajfa minnha. Huma jagħtu prijorità lil alleanzi strateġiċi minflok il-

prinċipji u jagħlqu għajnejhom għall-krudeltà ta' pajjiżi sħabhom minflok ma jissieltu għall-verità u l-ġustizzja fiċ-ċirkostanzi kollha.

Id-drittijiet tan-nisa bħala skuża għall-gwerra

Fiż-żminijiet reċenti, ġustifikazzjoni oħra li ħafna drabi tingħata għall-interventi tal-Punent f'pajjiżi barranin hija l-liberazzjoni tan-nisa u l-bniet ta' dawn il-pajjiżi. Madanakollu, traġikament, l-eluf ta' nisa u bniet li jinqatlu bil-bombi tal-barranin juru l-falsità ta' dawn il-pretensjonijiet.

Wara t-tfaqqigħ tal-gwerra tal-Iran, **il-Membru tal-Parlament Ewropew l-Ispanjola Irene Montero** affermat li d-drittijiet tan-nisa u l-bniet huma mkażbra b'mod egoistiku bħala skuża biex tiġi assertita l-aġenda ġeopolitika. Hija qalet, "L-ebda mara ma ġiet meħlusa matul iż-żmien mill-bombi Amerikani jew l-aggressjoni illegali. La fis-Sirja, la fl-Iraq, la fil-Libanu, la fl-Afganistan, u mhux se jseħħ hekk lanqas fl-Iran. Aħna mxebbgħin li d-drittijiet tagħna, ġisimna u l-vjolenza li jsofru n-nisa jintużaw bħala skużi biex jiġġustifikaw it-tfigħ tal-bombi illegali u l-aggressjoni imperjalista."[8]

Kliemha jesponi verità serja li n-nazzjonijiet setgħana jfittxu li jiġġustifikaw l-inġustizzji u l-gwerer fuq pretesti foloz li qed jiddefendu d-drittijiet umani. Aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar in-nies qed jintebħu bil-perikli li jdawruhom fil-mument.

L-Iżlam mhuwiex il-kawża tad-diżordni globali

Madanakollu, hija kawża ta' niket għal dawk il-Musulmani ġenwini kollha li jafu li ħafna nies jippruvaw iwaħħlu fl-Iżlam u jaffermaw li huwa jikkawża d-diżordni fid-dinja. Tali allegazzjonijiet, li jinteħu bix-xandir ewlieni u bil-midja soċjali, huma assolutament foloz u joħolqu ħsara irreparabbli.

Minflok ma joqogħdu jwaħħlu fl-Iżlam jew f'xi reliġjon oħra, id-dinja għandha bżonn urġenti li n-nies jingħaqdu b'għan wieħed: **it-twaqqif tal-paċi u l-armonija.**

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana minn dejjem kienet fuq quddiem nett ta' dan l-isforz u se tibqa' tkun. Aħna norganizzaw din l-attività bit-tama li tkattar il-fehim reċiproku u, forsi, tnebbaħ lil xi wħud biex jaħdmu għall-kawża tal-paċi.

Kien bl-istess skop f'moħħi li għadd ta' snin ilu jiena ktibt lil diversi mexxejja tad-dinja biex inħeġġiġhom iwarrbu d-differenzi ta' bejniethom u jaħdmu flimkien għall-ġid tal-umanità.

Pereżempju, ktibt lill-Prim Ministru ta' Iżrael biex jinkoraġġixxi t-tagħlim tat-Torah; u lill-President tal-Iran u lil mexxejja oħra Musulmani fejn semmejt il-Koran Imqaddes, li jħeġġiġhom ilkoll biex jaħdmu għall-ġustizzja u r-rikonċiljazzjoni.

It-tolleranza, il-grazzja u l-mogħdrija ħafna drabi qed jitqiesu bħala dgħufijiet jew difetti u mhux bħala virtujiet kif dejjem tqiesu.

Wassalt ukoll l-istess messaġġ ta' tixrid ta' paċi lill-Prim Ministru Britanniku, lill-President tal-Istati Uniti, lill-President Ċiniż, u ħafna kapijiet tal-istat oħra. L-għan ewlieni tiegħi kien biex jirriflettu ftit dwar il-qagħda mwiegħra fid-dinja u jagħrfu r-riskji eżistenzjali li qed taffaċċja l-umanità. B'dispjaċir ngħid li ma kinux lesti li jisimgħu u l-instabbiltà u d-diżordni fid-dinja li dejjem jiżdiedu huma xhieda ta' dak il-falliment.

Hawn ħafna gwerer, il-pajjiżi qed jinfirdu minn xulxin, il-mibegħda qed tixtered, il-minoranzi qed jiġu aktar ippersegwitati f'din l-epoka; it-tolleranza, il-grazzja u l-mogħdrija ħafna drabi qed jitqiesu bħala dgħufijiet jew difetti u mhux bħala virtujiet kif dejjem tqiesu.

Fl-istess ħin, huwa allegat li l-Iżlam huwa reliġjon estremista u huwa l-kawża ewlenija tas-sofferenzi tad-dinja. Din hija inġustizzja serja. L-ebda waħda mid-dikjarazzjonijiet li ppreżentajt qabel ma tagħmel referenza għall-Iżlam; pjuttost, urew il-fallimenti ġeopolitiċi tal-gvernijiet u l-kollass ta' istituzzjonijiet li twaqqfu biex iħarsu l-paċi u s-sigurtà. Id-diżordni globali ġejja mix-xewqa tal-għonja u s-setgħana li jissodisfaw

l-interessi personali tagħhom u jżommu d-dominanza fuq l-oħrajn.

Il-prinċipji tal-Iżlam għall-paċi dejjiema

Aktar milli huwa sors ta' kunflitt, it-tagħlim tal-Iżlam joffri gwida eterna għall-paċi. Biex nuri dan, se nsemmi xi ftit versi mill-Koran Imqaddes.

Kapitlu 4, vers 136 jafferma,

> **"Intom li temmnu, kunu stretti fl-osservanza tal-ġustizzja, u kunu xhieda għal Alla, anki jekk teħduha kontra tagħkom infuskom, jew kontra l-ġenituri u l-qraba..."**

Hawnhekk, Alla jsejjaħ lill-Musulmani biex iwettqu ġustizzja u ekwità assoluta. Dan ifisser li persuna trid tkun lesta li tixhed kontra tagħha stess, il-ġenituri tagħha, il-maħbubin tagħha, jew il-komunità tagħha għall-kawża tal-verità u l-ġustizzja. Il-vers ikompli,

> **"… Minkejja li jkun sinjur jew fqir, Alla jieħu ħsiebhom it-tnejn aktar minnek. Għalhekk, issegwix ix-xewqat baxxi ħalli tkun tista' taġixxi b'mod ġust..."**

Fi kliem ieħor, il-pożizzjoni soċjali ta' persuna jew l-akkwisti materjali tagħha ma jfissru xejn quddiem Alla. Dak li jgħodd huwa s-sinċerità li persuna tikkommetti

għall-verità u l-ġustizzja. B'hekk, il-Musulmani huma ordnati biex jirreżistu x-xewqat vulgari li jostakolaw it-triq għall-ekwità vera.

Bl-istess mod, f'kapitlu 5, vers 9, insibu,

> **"Kunu sodi fil-kawża ta' Alla, billi tkunu xhieda fl-ekwità; u tħallux il-mibegħda tan-nies tinstigakom li taġixxu b'mod differenti ħlief bil-ġustizzja. Kunu dejjem ġusti, għax b'hekk tersqu lejn il-pjetà."**

Hawnhekk ukoll, Alla jikkmanda lill-Musulmani biex ikunu ġusti u integri fiċ-ċirkostanzi kollha, saħansitra ma' dawk li jeħduha kontrihom. Huwa faċli li tissodisfa d-drittijiet ta' dawk li taqbel magħhom. Hija sfida ħafna akbar li tissodisfa d-drittijiet ta' dawk li jopponuk.

Ġustizzja, restrizzjoni u rikonċiljazzjoni

F'silta ta' relevanza profonda għad-dinja tal-lum li hija mifnija bil-gwerra, kapitlu 49, vers 10 tal-Koran jiddikjara li jekk żewġ pajjiżi jew entitajiet jidħlu f'kunflitt, huwa l-obbligu ta' oħrajn li jħabirku biex jirrikonċiljawhom flimkien. Jekk jintlaħaq ftehim ta' paċi imma jinkiser minn naħa waħda, l-oħrajn għandhom jingħaqdu kontra l-aggressur u jużaw forza moderata biex iwaqqfu l-ħruxijiet tiegħu.

Madanakollu, jekk l-aggressur iżomm il-paċi, dan m'għandux ikun espost għall-vendetta; pjuttost, l-unur u d-dinjità tiegħu għandhom jiġu rispettati. Dan huwa l-mezz ta' kif tiġi assigurata l-paċi sostenibbli. F'kull sitwazzjoni, jekk ikollna quddiemna s-setgħani jew id-dgħajjef, l-onest jew it-trasgressur, l-Iżlam jgħallimna li rridu naġixxu b'mod ġust.

Il-paċi teħtieġ is-sagrifiċċju u l-umiltà

Barra minn hekk, **il-ksib tal-paċi jeħtieġ ukoll spirtu ta' sagrifiċċju.** Ma jistax ikun li nazzjon jistenna l-konċessjonijiet mingħand ħaddieħor u huwa jirrifjuta li jagħmel tiegħu.

Għalkemm jiena nitħaddet minn perspettiva Iżlamika, nemmen bis-sħiħ li l-ġustizzja hija prinċipju universali li jservi bħala garanzija għall-paċi f'kull livell tas-soċjetà u fost in-nies ta' kull reliġjon u twemmin. Id-differenzi reliġjużi m'għandhom qatt iġiegħlu persuna twarrab l-għerf ta' segwaċi ta' fidi jew tradizzjoni oħra.

L-Iżlam jgħallem li kull kelma għaqlija hija l-proprjetà mitlufa ta' kredent li għandha tiġi adottata kull fejn tinstab. Mhux importanti li tkun ġejja mingħand Nisrani, jew Lhudi, jew ateu, jew xi ħaddieħor, iżda l-ispirtu mingħajr preġudizzji mhux biss itejjeb il-karattru morali tal-individwu iżda japprofondixxi l-impenn tiegħu lejn il-ġustizzja, it-tolleranza u l-paċi.

Twissija għall-ġenerazzjonijiet futuri

Minkejja r-realtijiet inkwetanti globali li semmejt, jiena nemmen bis-sħiħ li, filwaqt li ċerti individwi u nazzjonijiet jixxennqu għall-poter, ir-rikkezzi u r-riżorsi tal-oħrajn, il-qalb komuni tal-umanità tixtieq sempliċiment li tgħix fil-paċi.

Kull persuna, għalhekk, għandha sehem x'tagħti, u l-urġenza ta' dik il-parteċipazzjoni tinħass ma' kull jum li jgħaddi. Kif stqarr il-Papa, il-Tielet Gwerra Dinjija bdiet bil-biċċiet, u aħna rridu nħabirku biex ma nħalluhiex tixtered qabel ma toħnoq lid-dinja kollha.

Katastrofi bħal din ma tkunx tagħna biss. Id-dell twil u ikrah tagħha se jdallam l-orizzont tal-ġenerazzjonijiet futuri.

Altrimenti, nibża' li l-iskala tagħha u t-telfien tal-ħajja sussegwenti se jitfu bil-wisq aktar l-orrur taż-żewġ Gwerer Dinjin preċedenti, u jintlaħaq livell li qatt ma kien hemm bħalu fl-istorja tal-bniedem. Katastrofi bħal din ma tkunx tagħna biss. Id-dell twil u ikrah tagħha se jdallam l-orizzont tal-ġenerazzjonijiet futuri.

Għaldaqstant ma nistgħux naħsbu biss fina nfusna. Minflok, kollha kemm aħna għandna d-dmir li naħsbu

fid-dinja li se nħallu warajna għal uliedna u għal dawk li se jsegwuna.

Responsabbiltà kollettiva għall-paċi

Ejja naġixxu issa ħalli dawk li ġejjin warajna jistgħu jirtu dinja mimlija sliem u prosperità u mhux jittaqqlu bil-piż tal-fallimenti tagħna. Ejja naġixxu issa ħalli niffrankaw il-ħars ikrah ta' wliedna, li se jsaqsu għalfejn ħallejnielhom dinja li qiegħda taqbad. Hekk biss dan is-Simpożju ta' Paċi jkun issodisfa l-wegħda ta' ismu u mhux ikun biss laqgħa ta' intenzjonijiet tajbin, iżda mument sinifikanti għall-insegwiment tal-paċi.

Tassew, hija t-tama u t-talba profonda tiegħi li din l-attività sservi bħala katalist veru ta' paċi u ġustizzja, u ġġib magħha bidla dejjiema fid-dinja.

Jalla Alla Omnipotenti jgħin lill-bniedem jifhem il-gravità ta' din is-siegħa, u jalla n-nies kollha, anki ta' reliġjonijiet u twemmin differenti, jingħaqdu flimkien bl-għan komuni li jistabbilixxu l-paċi fid-dinja. Jalla s-sħab iswed tal-gwerra li jittajjar b'theddida fuqna lkoll jgħib u jħalli warajh smewwiet koħol ċari ta' paċi, imħabba u kompassjoni.

B'dan il-kliem, għal darb'oħra, nesprimi l-gratitudni profonda tiegħi lilkom ilkoll talli ngħaqadtu magħna llejla. Grazzi ħafna."

Notamenti

[1] Michael D. Higgins, "Speech at National Holocaust Memorial Day Commemoration," President of Ireland, Mansion House, January 26, 2025, https://president.ie/en/media-library/speeches/speech-at-national-holocaustmemorial-day-commemoration.

[2] Robert Fico, "During COVID, the pharmaceutical companies were making money, and now the arms manufacturers are sharpening their teeth!" X, June 17, 2025, https://x.com/robertficosvk/status/1935034128547660163.

[3] Pedro Sánchez, "Institutional Statement by the Spanish Prime Minister, Pedro Sánchez, Concerning the Recent International Events," Presidency of the Government of Spain, Madrid, March 4, 2026, PDF, https://www.lamoncloa.gob.es/presidente/intervenciones/Documents/2026/260304-INSTITUTIONAL-STATEMENT-BY-THE-SPANISH-PRIME-MINISTERPEDRO%20SÁNCHEZ-CONCERNING-THE-RECENT-INTERNATIONAL-EVENTS.pdf

[4] John J. Mearsheimer, "John Mearsheimer: Alliance System Collapses & Risk of Nuclear War," interview by Glenn Diesen, YouTube video, May 4, 2026, at 1:00:13, https://youtu.be/dkXQW_ZRL3I?t=3613.

[5] Jeffrey D. Sachs, "Jeffrey Sachs: U.S. Attacks Venezuela & Kidnaps President Maduro," interview, YouTube video, January 3, 2026, at 8:45, https://youtu.be/LhZuTOuwKGA?t=525.

[6] Mark Carney, "'Principled and Pragmatic: Canada's Path': Prime Minister Carney Addresses the World Economic Forum Annual Meeting," Prime Minister of Canada, January 20, 2026, https://www.pm.gc.ca/en/news/speeches/2026/01/20/principled-andpragmatic-canadas-path-prime-minister-carney-addresses.

[7] Federal Chancellor, "Speech by the Federal Chancellor at the Munich Security Conference on 13 February 2026 in Munich," Federal Government of Germany, February 13, 2026, https://www.bundesregierung.de/breg-en/federal-government/speech-munichsecurity-conference-2407298.

[8] Irene Montero, "EE.UU no ha liberado ni va a liberar a ninguna mujer con sus guerras. Dejad de usar nuestros cuerpos y nuestros derechos," Facebook video, accessed May 22, 2026, https://www.facebook.com/irene.montero.5070/videos/eeuu-no-ha-liberado-ni-vaa-liberar-a-ninguna-mujer-con-sus-guerras-dejad-de-usa/1415133803626448/.

THE COLLAPSE OF JUSTICE AND THE SEARCH FOR PEACE

This is a Maltese translation of the keynote address delivered by Hazrat Mirza Masroor Ahmad, Khalifatul-Masih V^{aba}, Head of the Worldwide Ahmadiyya Muslim Community, on 16th May 2026, at the 19th National Peace Symposium hosted by the Ahmadiyya Muslim Community UK. The event was held at Masroor Hall, Mubarak Mosque complex, Islamabad, Tilford, UK.

www.ahmadiyyamalta.org

www.ahmadiyya.mt